**Laqgħa Numru 82**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**20 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' filgħaxija

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**82.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

82.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

82.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 81 li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

82.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-ġita fi Sqallija mill-15 sas-19 ta' Settembru kienet suċċess. Kien hemm qbil li l-passaġġi u l-lukanda tal-membri tal-Kunsill, tal-istaff u anke tat-tour leader li akkumpanjaw lil dan it-tour kellhom jkunu mħallsa mill-Kunsill.

82.3.2 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju rigward il-kwotazzjonijiet tal-irħam tal-lift fil-Kunsill il-Ġdid. Is-Segretarju kkonfermat li għada b'kwotazzjoni waħda. Kien għalhekk deċiż li kellha tmexxi ma' din il-kwotazzjoni la l-operaturi l-oħra ma kinux interessati jibagħtu kwotazzjoni.

82.3.3 Is-Sindku rreferra għall-kwotazzjonijiet tal-air-conditions fil-librerjija u anke l-Kunsill il-Ġdidt. Is-Segretarju ppreżentat rapport mħejji mill-inġinier fejn kien ikkonluda li għall-kwotazzjonij ghal-air-condition tal-librerija kienet biss kwotazzjoni waħda li laħqet il-kriterji kollha. Din kienet it-tieni l-irħas offerta u l-operatur kien X-Treme Technologies. Fil-każ tal-air-conditons għall-Kunsill il-Ġdid ħadd mill-operaturi li tefgħu l-offerta tagħhom ma kien laħaq dawn il-kriterji. Il-membri tal-Kunsill qablu mas-suġġeriment tal-istess inġinier biex t-talba għall-kwotazzjonijeit terġa' toħroġ.

*4.51pm George Zammit daħal fil-kamra tal-Kunsill*

82.3.3 Is-Sindku kkomunika li t-Tender tal-iStreet Sweeping ma setax joħroġ hekk kif korrispondenza li għaddiet mid-Dipartiment lil Kunsill informat li l-appell kien għadu ma waqax. Kien għad baqa' li ssir in-Nota ta'Ċessjoni li trid isir min-naħa tal-Avukat ta' Nicholas Zammit biex l-appell jaqa' u eventwalment jaqa' t-tender u jkun jista'joħroġ tender ġdid.

82.3.4 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kien applika taħt Measure 4.4 biex isiru l-ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi magħrufa bħala Tal-Loġġa. Is-Segretarju rrimarkat li jekk il-Kunsill jkollhu tender ta' Perit kif huwa stipulat fil-liġi, il-Kunsill ikun jista'jieħu *reimbursement* għall-ispejjeż tal-Perit taħt iż-żewġ applikazzjonijiet; kemm taħt Miżura 4.3 u Miżura 4.4. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew u qablu li tender għall-Perit għandha toħroġ minnufih.

**82.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

82.4.1 Il-Kunsillier George Zammit saqsa meta kienet qiegħda tinfetaħ il-latrina ta Ġnien Blankas. Is- Segretarju wieġbet li din tinfetaħ biss meta jkun hemm xi avveniment fi Ġnien Blankas. Il-membri tal-Kunsill ddiskutew u kien hemm qbil li din tibda tinfetaħ fi tmiem il-ġimgħa mill-Għaqda tan-Nar.

82.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex isir bozza fi Triq Ċanga peress li t-triq hi mudlama. Il-membri tal-Kunsill approva li din il-bozza ssir.

82.4.3 Il-Kunsill Hubert Saliba talab li tintbagħat imejl fejn nitobu lis-Super biex jkun hemm preżenza ta' pulizija fil-lokalita' u li l-għassa tkun miftuħa aktar. Il-membri ddiskuttew din il-materja u kien deċiż li peress li din hi s-sitwazzjoni f'ħafna lokalitajiet Għawdxin din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun.

82.3.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni kif il-pittura tal-librerija ma saritx mis-Sur Paul Falzon meta din kienet diskussa fil-laqgħat preċedenti Is-Segretarju sostniet li ma kienet taf xejn dwar dan hekk kif din il-materja ġiet diskussa meta hi ma kinitx tokkupa l-kariga ta' Segretarju.

82.3.5 Il-Kunsillera Jeanelle Attard issuġġerriet li l-Kunsill il-Ġdid jinfetaħ ma' Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku oġġezzjona għall-fatt li jippreferri li l-ewwel il-Kunsill jibda jiffunzjona mill-binja tal-Kunsill il-Ġdid imbagħad isir iċ-ċerimonja uffiċjali tal-ftuħ is-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera Domenic Zerafa, Hubert Saliba u George Zammit qablu mal-proposta tas-Sindku.

**82.5 Jum Ix-Xewkija 2018**

82.5.1 Is-Sindku ssuġġerriexxa li din is-sena l-programm ta' Jum Ix-Xewkija jittella' fis-sala tal-iskola Primarja Xewkija. Il-membri qablu ma' dan u s-Segretarju kellha tieħu ħsieb tibgħat imejl lil Kap tal-Iskola biex isaqsiha jekk dan hux possibli.

82.5.2 Rigward preżentatur għas-serata, il-membri ddiskuttew u qablu li xi ħadd mir-raħal għandu jippreżenta l-programm ta' Jum Ix-Xewkija. Il-membri kellhom jaħsbu f'min seta' jippreżenta u jinfurmaw lis-Segretarju bis-suġġerimenti tagħhom.

82.5.3 Is-Segretarju kkomunikat xi punti li kienu ttieħdu mis-serata tas-sena li għaddiet fosthom li kien hemm ħafna ħin bejn it-tqiegħed tal-fjuri fuq il-monument tal-gwerra

u s-serata. Tqajjem il-punt rigward jekk kinux se jingħataw kotba lit-tfal tal-Primarja fis-serata. Il-membri tal-Kunsill qablu li din is-serata hija waħda mmirata lejn udjenza aktar matura' u li t-tfal jispiċċaw jixbgħu. Is-Sindku ssuġġerriexxa li ġurnata qabel Jum Ix-Xewkija, hu flimkien mal-membri tal-Kunsill jippreżentaw kotba lit-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tax-Xewkija. Il-membri tal-Kunsill qablu mas-suġġeriment li l-kotba jitqassmu ġurnata qabel l-iskola.

82.5.4 Is-Segretarju ssuġġerriet li l-membri tal-Kunsill kellhom jaraw ftit lil min jixtiequ li jingħata rikonnoximenti biex sal-laqgħa li jmiss jkollha lista ffinalizzata. Rigward Premju Gieh Ix-Xewkija u Gieh Iż-Żgħażagħ kellha tintbagħat korrispondenza lill-għaqdiet tar-raħal bħas-snin preċedenti biex iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom u jiġu jivvutaw.

82.5.5 Fis-serata kellhu jingħata rikonoxximent lil dawk l-istudenti li gradwaw mill-Universita' s-sena li għaddiet.

## 82.6 Proġetti u Affarijiet Oħra

82.6.1 Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li l-Perit Edward Scerri kien għadu qed jaħdem fuq il-pjanta għar-*restructuring* tal-*playing field* tal-Ħamrija u kellhu jippreżenta l-pjanta fil-laqgħa li jmiss.

## 82.7 Attivitajiet: Ġbir ta' fondi għall-Malta Community Chest Fund

82.7.1 **Ġbir ta' Fondi għall-Malta Communit Chest Fund**. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li nimxu fuq is-sena preċedenti fejn jitqassmu l-envelopes f'kull dar u min ikun jixtieq jagħmel donazzjoni jieħu ħsieb jitfa' l-envelope f'kaxxi apposta fil-knisja.

82.7.2 **Attivitajiet maħsuba għas-sena d-dieħla.** Il-membri tal-Kunsill qablu li nimxu fuq l-attivitajiet li saru din is-sena jiġifieri il-Karnival, il-*Wine Festival* u Fior D'Argenta. Il-Karnival fix-Xewkija se jsir il-Ħadd 3 ta' Marzu, 2019. L-Evvival Wine Festival se jsir is-Sibt 13 ta' Lulju, 2019 waqt li Fior D'Argenta ssir fuq jumejn, it-28 u d-29 t'Awwissu 2019.

## 82.8 Tender Street Signs

82.8.1 Is-Segretarju nfurmat li t-tender għall-istreet signs kien ġie ppublikat u s-sejħa għall-offerti kellha tagħlaq nhar il-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2018. Il-Bord tal-Evalwazzjoni ġie magħżul mill-membri tal-Kunsill.

## 82.9 Rapport ta' kull kwart- It-tieni Kwart

82.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat r-Rapport ta' kull Kwart għat-tieni kwart tas-sena. Ma kinex hemm domandi u r-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

## 82.10 Korrispondenza u Materji Oħra

82.10.1 Komunikazzjoni mingħand Transport Malta dwar restrizzjoni ta' permessi bejn is-6.00am u d-9.30am minn nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa ġaladarba kiente se terġa' tibda l-iskola.

82.10.2 Imejl mingħand is-Sur Christopher Galea mill-Gvern Lokali, dwar *draft* għall- MOU max-Xewkija Tigers Club li ntbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv, fejn jikkonferma li l-ebda tip ta' donazzjoni ma tista tingħata mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

82.10.3Imejl mingħand is-Sra Borg Marie-Jeanne mill-Gvern Lokali għal invit għas-6 Konferenza Internazzjonali "I Borghi piu belli del Mediterraneo" ġewwa Cisternino, fil-Provinċja ta' Brindisi, l-Italja.

82.10.4 Imejl mingħand is-Superjur tal-Mużew tas-Subien fejn talab biex jagħmel użu minn Ġnien il-Ħaddiem nhar it-Tnejn 17 u t-Tlieta 18 ta' Settembru.

82.10.5 Imejl mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku tal-Lokalita ta' San Lawrenz, lis-Sur George Refalo tar-Reġjun t'Għawdex dwar is-saħħa f'Għawdex. Huwa talab biex din il-materja tiġi diskussa fl-ewwel laqgħa li jkun imiss. Is-Sur Franco Ciangura, Sindku tal-lokalita ta' Għajnsielem qabel mal-kollega tiegħu Noel Formosa u żid ukoll proponiment biex tiġi diskussa wkoll is-sitwazzjoni li qed tinħoloq meta fl-ewwel Ħamis ta kull xahar jinġabar il-ħġieġ u qed jitħallew ħafna kaxxi tal-kartun barra. Hu ssuġġerixxa li l-ħġieġ jibda jinġabar l-ewwel Tlieta tax-xahar biex b'hekk wara li jinġabar il-ħġieġ jgħaddi tar-recycling u jinġabru l-kaxxi li jkun hemm. Is-sur George Refalo talab biex din il-proposta tiġi diskussa fi ħdan il-Kunsilli Lokali sabiex fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss tkun tista tittieħed deċiżjoni.

82.10.6 Ċirkulari AKL 2018/107 - Ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli li huma interessati li jibdew joffru s-servizz ta' ħlas tal-kontijiet għandhom jindirizzaw l-interess tagħhom mas-Sur Ian Magro. Il-Kunsill innota l-kontenut.

82.10.7 Ċirkulari AKL 2018/105 – Press Conference dwar MoU li l-Assoċjazzjoni ffirmat flimkien mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u IDEA Leadership u Management Institute, fejn ġie żviluppat u akkreditat kors f'livell ta' Masters fil-Governanza u l-Immaniġjar.

82.10.8 Ċirkulari AKL 2018/104 – F'għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali ser issir inizjattiva ta' għotja tad-demm nhar il-Ħadd 28 t'Ottubru.

82.10.9 Ċirkulari AKL 2018/103 – tinforma li l-Laqgħa tas-Sindki hija ppjanata li ssir nhar is-Sibt 27 t'Ottubru. Iċ-Ċirkularai nformat li jekk tilħaq tittella' White Paper fuq l-

emendi fil-liġi, il-laqgħa tinbidel għal-Laqgħa Plenarja fejn ikunu jistgħu jattendu il-Kunsilliera.

82.10.10 Imejl mingħand is-Sra Alexandra Vella mill-Wasteserv dwar il-'European Week for Waste Reduction'. Ser ikun hemm premju għall-Kunsilli li jieħdu sehem. Il-Kunsill innota l-kontenut

82.10.11 Imejl mingħand is-Sur John Attard dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assistenza finanzjarja biex jiġi irrekordjat il-'musical' "Rajtek Tinbidel" fejn wera d-dispjaċir li l-Kunsill ma kienx qed jikkoloborra fuq dan il-proġett.

**82.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

82.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**82.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

82.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 23 t'Ottubru fl-4.00pm.

Konfermati, illum **23 t'Ottubru 2018**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |